MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2013

Appell Civili Numru. 1193/2010/1

**Avukat Dottor Michael Zammit Maempel bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti minn**
**Malta Cassone Sabrina**

**v.**

**European Insurance Group Limited**

Il-Qorti

**Preliminari**

[1] Dan hu appell interpost mis-socjeta` konvenuta, minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' April 2011 li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-talbiet tal-attur kif dedotti, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

[2] It-talbiet tal-attur nomine fir-rikors promotur originali kienu s-segwenti:

"1.Tiddikjara ezegwibbli, u konsegwentement tordna l-ezekuzzjoni tas-sentenza fuq citata sabiex ir-rikorrent nomine jkun jista' jezigi l-hlas fl-ammont ta' tmenin elf Euro [€80,000.00] bl-ispejjez gudizzjarji ammontanti ghal elf, mitejn u tmienja u erbghin Euro [€1,248.00] kif dedotti fis-sentenza citata, u bl-imghaxijiet mid-dati ta' meta r-rikorrenti effettwat il-hlasijiet msemmija fl-istess sentenza citata, sal-gurnata tal-pagament effettiv.

2. Bl-ispejjez ta' dina l-procedura kontra s-socjeta` intimata.."

[3] Illi l-mertu tal-appell odjern huwa bazat fuq il-pretensjoni tas-socjeta` konvenuta appellanti li t-talba tal-attur nomine ma kellhiex tintlaqa' stante li s-socjeta` konvenuta kienet fi stat ta' insolvenza.

**<u>Il-Fatti</u>**

[4] Il-fatti relevanti ghal dan l-appell huma s-segwenti:

[5] Illi fit-18 ta' Frar 2010 it-Tibunale di Lecce fl-Italja ta' sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Cassone Sabrina vs Eurpean Insurance Group Limited [E.I.G. Ltd.]** li permezz taghha din is-socjeta` giet dikjarata debitrici tal-imsemmija Cassone Sabrina fl-ammonti fuq indikati.

[6] Fis-6 ta' Awissu 2010 gie nominat Amministratur[1] mill-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta [l-Awtorita`]

[1] Skond ir-rikors tal-appell "B'effett mis-6 ta' Awissu 2010 Deloitte…[l-Amministratur] giet mahtura mill-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta biex tiehu f'idejha l-attiv tas-socjeta` tappellanti u biex tiehu f'idejha l-kontroll tal-kummerc tal-istess socjeta` skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28[1][c][d] tal-Att dwar il-Kummerc tal-Assikurazzjoni [Kap.403]".

skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 28[1][c] u 28[1][d] tal-Att dwar il-Kummerc tal-Assigurazzjoni[2]

[7] Fit-18 ta' Novembru 2010 Cassone Sabrina, permezz tal-mandatarju specjali taghha l-Avukat Dottor Michael Zammit Maempel, intavolat proceduri fil-qrati Maltin sabiex is-sentenza barranija tigi dikarata ezegwibbli f'Malta, u konsegwentement tigi ordnata l-ezekuzzjoni taghha.

[8] Fi Frar 2011 l-imsemmi Amministratur ikkonkluda li ma hemm ebda prospett ragjonevoli li s-socjeta` appellanti tista' tevita li tkun xolta minhabba nsolvenza.

[9] Fis-7 ta' April 2011 inghatat is-sentenza mertu ta' dan l-appell.

[10] Illi b'effett mid-29 ta' Settembru 2011 gie mahtur[3] mill-imsemmija Awtorita` stralcjarju biex issir il-likwidazzjoni tas-socjeta` konvenuta, a tenur tal-Artikolu 28[1][f] tal-Att dwar il-Kummerc tal-Assikurazzjoni.

**L-Appell**

[11] Illi originarjament is-socjeta` konvenuta ressqet zewg aggravji, izda fl-udjenza tal-29 ta' Ottubru 2012 irtirat l-ewwel aggravju[4], filwaqt li zammet ferm it-tieni aggravju taghha.

[12] Is-socjeta` konvenuta qed tibbaza t-tieni u l-uniku aggravju taghha fuq [1] l-Artikolu 34[1] tar-Regolament tal-Kunsill Numru [EC 44/2001][ir-Regolament] ; kif ukoll [2] fuq il-fatt allegat mis-socjeta` appellanti li qabel ma nghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti, l-Amministratur, li wettaq stharrig dwar il-pozizzjoni finanzjarja tal-kumpanija, kkonkluda fi Frar 2011 *"li ma kien hemm l-ebda prospett ragjonevoli li s-socjeta` appellanti tista' tevita li tkun xolta minhabba insolvenza."* Sussegwentement fid-29 ta' Settembru 2011 fil-mori ta' dan l-appell gie mahtur

[2] Kap.403 tal-Ligijiet ta' Malta.
[3] Fol. 81.
[4] Para. 6.1 – 6.2; u 7.4.1 – 7.4.5.

stralcjarju biex jillikwida s-socjeta` konvenuta. Dan il-fatt josta ghall-ezegwibbilita` tas-sentenza barranija, fuq l-istregwa tal-principju tal-*par condicio creditorum.*

[13] Min-naha tieghu, l-attur appellat, fir-risposta tieghu prezentata fit-3 ta' Ottubru 2011, jghid li l-konkluzjoni tal-Amminstratur dwar l-insolvenza tas-socjeta` konvenuta ma ngabitx a konjizzjoni tal-ewwel Qorti, u li, apparti li dan il-fatt tressaq quddiem din il-Qorti minghajr permess, ma gie prodott ebda dokument korroborattiv fir-rigward, u jibqa' l-fatt li *"s-socjeta` appellanti ghadha ma gietx stralcjata u lanqas ma jirrizulta illi ghall-anqas inbdew proceduri ta' stralc fil-konfront taghha."*

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

[14] Illi fl-ewwel lok jigi osservat li, ghalkemm huwa minnu li mill-atti ma jirrizultax li l-konkluzjoni tal-Amministratur li kienet disponibbli fi Frar 2011, ma ngabitx a konjizzjoni tal-ewwel Qorti, u ghalkemm huwa minnu li mill-atti jirrizulta li meta l-attur nomine pprezenta r-risposta tieghu f'Ottubru 2011 jidher li huwa ma kienx gie mgharraf bin-nomina ta' stralcjarju li saret mill-Awtorita` fid-29 ta' Settembru 2011, il-pozizzjoni prezenti llum hija li s-socjeta` konvenuta hija fi proceduri ta' stralc, u ghalhekk japplika u jipprevali l-principju fuq indikat tal-*par condicio creditorum*, li josta ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza barranija fil-konfront taghha.

[15] F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnha fl-ismijiet **Avukat Mark Refalo nomine v. European Insurance Group Limited**[5] fejn din il-Qorti ddikjarat null b'referenza ghall-Artikolu 222 tal-Att dwar il-Kumpaniji mandat ta' sekwestru, stante li meta nhareg il-mandat, kienet diga` nharget l-ordni ta' stralc u kien gie mahtur stralcjarju mill-Awtorita`.[6]

[16] In tema legali jigi osserva li l-parti relevanti tar-Regolament huma l-Artikolu 34 [1] u l-Artikolu 41.L-Artikolu 34 fis-sub inciz [1] jiddisponi li:

---

[5] App. 163/2012 – deciza 9/11/2012.
[6] Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Sentenza m'għandhiex tiġi rikonoxxuta:
1. jekk dak ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika tal-Istat Membru li fih ġie mfittex ir-rikonoxximent;"

[17] L-Artikolu 41 jaqra hekk:

"Is-sentenza għandha tiġi ddikjarata eżegwibbli immedjatament mat-twettieq tal-formalitajiet fl-Artikolu 53 mingħajr xi reviżjoni permezz tal-Artikoli 34 u 35. Il-parti li kontra tagħha tkun imfittxija l-eżekuzzjoni m'għandiex f'dan l-istadju tal-proċeduri tkun intitolata li tagħmel xi sottomissjonijiet dwar l-applikazzjoni."

[18] Fil-meritu l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet;

[1] Illi, ghalkemm huwa minnu li llum-il gurnata s-socjeta` konvenuta qeghda fi stralc, dan m'ghandux ifisser li s-sentenza barranija ma tistax legalment tigi rikonoxxuta f'Malta, gjaldarba ma giex provat li dan ir-rikonoxximent imur kontra l-ordni pubbliku ossia l-istrategija pubblika f'Malta.

[2] Illi ghandha ssir distinzjoni bejn rikonoxximent jew ezegwibbilita` tas-sentenza mill-qrati, u l-ordni ghall-ezekuzzjoni taghha, u ghalhekk, filwaqt li ma hemm xejn x'josta li s-sentenza tigi dikjarata ezegwibbli f'Malta, izda <u>fic-cirkostanzi ta' stralc li fihom tinsab is-socjeta` konvenuta llum</u>, l-attur ma jistax jghaddi ghall-ezekuzzjoni taghha bil-hrug tal-mandati ndikati fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta laqghet l-ewwel parti tat-talba fejn iddikjarat is-sentenza barranija ezegwibbli f'Malta, filwaqt li ma setghetx, tordna l-ezekuzzjoni taghha, kemm ghax din mhix il-procedura kontemplata mil-ligi procedurali nostrana, kif ukoll ghax illum is-socjeta` konvenuta hija fi stat ta' stralc.

Ghaldaqstant l-aggravju tas-socjeta` konvenuta huwa parzjalment fondat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ l-appell parzjalment billi tirrevoka s-sentenza appellata f’dik il-parti fejn ordnat l-ezekuzzjoni tas-sentenza barranija; u tikkonfermaha ghall-bqija.

L-ispejjez ta’ dan l-appell jinqassmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------